



# Iż-żmien hu l-aqwa teżor

Ralph Micallef

L-aqwa teżor li għandu l-bniedem, bla dubju ta' xejn, hu ż-żmien. Ħadd fid-dinja mhu se jaċċetta li jingħata kollox bil-patt li jitteħidlu ż-żmien għax dan ikun ifisser il-mewt tiegħu. Iż-żmien la jeżisti fil-Ġenna, għax kieku l-qaddisin kienu jkabbru l-merti tagħhom, la fl-Infern, għax l-indannati kieku kienu jitolbu maħfra, u lanqas fil-Purgatorju għax kieku kienu jagħmlu aktar penitenza biex ifittxu jmorru l-Ġenna. Mela t-teżor taż-żmien jispiċċa mal-mewt.

Meta nitwieldu, Alla jagħtina żewġ ħwejjeġ: (1) żmien kemm tgħix; u (2) numru ta' grazzji li se jagħtina Alla f'ħajjitna. Alla ma jagħtix l-istess żmien lil kulħadd u ma jagħtix l-istess numru ta' grazzji lil kulħadd, iżda jagħti lil kulħadd ċans biex isalva ruħu.

Iż-żmien jiswa daqs Alla, għalhekk hu prezzjuż. Il-ħalliel it-tajjeb b'minuta żmien rebaħ 'l Alla u sieħbu b'minuta żmien ukoll tilef 'l Alla. Iż-żmien jiswa Eternità, għal dejjem ta' dejjem. Iż-żmien jiswa d-Demm Prezzjuż ta' Kristu. Kristu wriena fl-Evanġelju kemm hu prezzjuż iż-żmien fil-parabbola tas-siġra tat-tin li damet tliet snin ma tagħmel frott u tkidd l-art għalxejn, u sid l-għalqa qal lill-bidwi biex jaqlagħha. Il-bidwi talab lil sid l-għalqa biex jissaportiha sena oħra sakemm jagħżaq madwarha, idemmilha u jsaqqiha. Imbagħad jekk ma tagħmilx frott, jaqlagħha.

Fil-parabbola l-oħra tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli, sid l-għalqa jgħidilhom "X'intom tagħmlu hawn fil-għażż il-jum kollu?" "Għax ħadd ma qabbadna," weġbuh. Qalilhom "Morru aħdmu intom ukoll fil-għalqa tad-dwieli tiegħi." Fil-parabbola l-oħra tas-seftur il-ħażin li ħeba t-talent tiegħu fl-art, is-sid tiegħu ċanfru "Ja seftur ħażin u għażżien, kien imissek poġġejtu l-bank biex meta niġi lura tieħu l-imgħax tiegħu." L-Iskrittura tgħid "L-għażż għallem ħafna ħażen." Ikun ħela ta' żmien meta dak li għandna nagħmlu, ma nagħmluhx għal Alla b'intenzjoni retta.

Iż-żmien jgħaddi u ma jerġax lura, l-arloġġ u l-kalendarju 'l quddiem jimxu u mhux lura. Dun Ġorġ kien jgħid "Issa hu ż-żmien li naħdmu għax iż-żmien qasir." Tista' inti tfassal iż-żmien u tagħmlu prezzjuż billi, sew fix-xogħol, barra, fid-dar, fil-knisja u fir-rikreazzjoni, tagħtih dejjem 'l Alla, u s-Sinjur Alla jaf iħallas bil-kbir taż-żmien li inti tkun tajtu. Issa hu ż-żmien, tħallix għal għada għax dan jista' ma jkunx tiegħek.

Fejn tista', aħdem; tħallix l-aptit jew il-burdati jmexxuk fejn tibda mitt ħaġa u ma tispiċċax waħda. Kappillan f'parroċċa jkollu ħafna proġetti tajba x'jagħmel, iżda ftit isib lil min jaħdimhom u jgħinuh. Għandna bħala eżempju lil Madre Tereża, soru xwejħa u marradija, iżda dejjem kienet issib iż-żmien biex tagħtih lil Alla. Taż-żmien li taħli, int trid tagħti kont.

**VS WHOLESALE**

244, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243